MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Numru 42/2015

**Pulizija**

**Spettur Robert Vella**

**Vs**

**Kersten Catania**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Kersten Catania ta’ 23 sena, bin Demitrius u Grace nee’ Cini, mwieled Pieta’ fl-14 ta’ Awwissu 1991, residenti Ustinov Stable, Triq is- Serkin, Marsa u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 422191M;

Talli nhar il- 11 ta' Jannar 2015 ghall- habta ta' bejn l- 10.15 u l- 11.00am;

1) Minn gewwa l- istabbiliment maghruf bhala McKay Bar, li jinsab sitwat fil-Marsa, ikkommetta serq ta' flus kontanti fl- ammont ta' €650 ghad- dannu tas- sidien tal-imsemmi stabbiliment u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravate bil- valur li jeccedi s- somma ta' €232.94 izda huaw anqas minn €2,329.37;

2) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il- provediment tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija lilu fs- 16 ta' Jannar 2014 mill- Qorti tal- Magistrati Malta (Magistrat Dr Neville Camilleri LL.D) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

3) F' kaz ta' htija l- Qorti hija mitluba ssib lill- imputat bhala li sar recediv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill- Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definttivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat illi l-imputat kellu bzonn l-ghinuna biex jeghleb il-vizzju tad-droga, u li kien lest li jibda jattendi programm residenzjali f'dan is-sens;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(c), 267 u 289 tal- Kap 9 u Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva sabiex l-imputat jinghata l-assistenza mehtiega biex jibda jhejji ruhu ghal programm ta’ rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga.

Tastjeni milli taghti provvediment fuq il-ksur ta’ ordni ta’ probation maghmula fis-16 ta’ Jannar 2014.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------